# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju 2025

**Kawża Nru. 14**

**Rik. Nru. 513/2024 ISB**

**Grazia Auto Care Company Limited (C 18549)**

**vs**

**(1) INDIS Malta Limited**
**(2) L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti**
**(3) L-Avukat tal-Istat**

**Sentenza in parte biex tiddetermina <u>t-tieni talba</u> kif kontenuta fir-rikors promotur ta' Grazia Auto Care Company Limited (C 18549) tat-13 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors promotur** tat-13 ta' Novembru 2024 tas-soċjeta' **Grazia Auto Care Company Limited** (minn issa l-quddiem *Grazia*), u għall-finijiet ta' din is-sentenza *in parte*, qed issir referenza għat-tieni talba li tgħid is-segwenti:

*Fit-tieni lok, illi din il-Qorti fil-Kompetenza Kostituzzjonali għandha tagħti dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi, inkluż dawk provvisorji, u b'mod partikolari sabiex hija twaqqaf l-effetti kollha tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Indis Malta Limited v. Grazia Auto Care Company Limited' datata 3 t'Ottubru 2023 li llum għaddiet in gudikat pendenti l-ezitu finali u definittiv ta' din il-kawża, u mizuri ohra li hija tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura l-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-Kumpanija Rikorrenti, hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Konvenzjoni għal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll l-EU Charter dwar il-Jeddijiet Fundamentali taċ-Ċittadini Kommunitarji.*

U dan wara illi gie premess is-segwenti:

***Illi l-Kumpanija INDIS Malta Limited, li huwa fil-mansjoni tagħha li tiggestixxi l-fabbriki u ż-żoni industrijali f'Malta u Għawdex, kienet ressqet kawża kontra l-Kumpanija Rikorrenti li kienet tgħid is-segwenti:***

*1. Illi b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998), il- Korporazzjoni Ghall-Izvilupp ta' Malta ikkoncediet b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghall-perjodu ta' hamsa u sittin (65) sena dekoribbli mid-data tal-att, bicca art fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Far liema art ghandha kejl ta' tlett elef tliet mija u disa' u ghoxrin metri kwadri (3.329m) u tikonfina minn kull naha ma' beni tal-Gvern, liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala "Dok. A". Fuq is-sit enfitewtiku, is-socjeta' intimata bniet fabbrika li llum hi maghrufa bhala HHF306;*

*2. Illi llum il-gurnata, is-socjeta' esponenti hija vestita bir- responsabilita' tal-amministrazzjoni tal-Oqsma Industrjali tal- Gvern;*

*3. Illi din il-koncessjoni enfitewtika saret versu l-annwu canone ta' disgha u erbghin elf, disa' mija u hamsa u tletin Lira (Lm49,935) ekwivalenti ghal mija u sittax-il elf, tliet mija u tmienja u erbghin euro u hamsa u hamsin centezmu (€116,348.55);*

*4. Illi fost il-kundizzjonijiet enfitewtici fil-kuntratt suriferit hemm il-klawsola (1) li tobbliga lill-enfitewta (konvenuta odjerna) sabiex matul iz-zmien kollu tal-koncessjoni enfitewtika juza s- sit enfitewtiku ghal skopijiet industrijali, u inoltre, kemm-il darba s-sit enfitewtiku jintuza "specifikament ghall-iskop ta' produzzjoni ta' auto-repairs jew bil-Malti, tiswija ta' karozzi", hekk kif specifikat fi klawsola 1(b) tal-kuntratt suriferit, il-canone kellu jigi ridott amministrattivament;*

*5. Illi fost il-kundizzjonijiet l-ohra li tahthom saret dina l- koncessjoni li huma elenkati fil-kuntratt suriferit, hemm il- klawsola (2) li tobbliga lill-Enfitewta jimpjega minimu ta' erbgha u ghoxrin (24) haddiem fuq bazi full-time fi zmien tlett (3) snin minn meta jitlesta x-xoghol ta' bini u li jzomm fl-impjieg dan in-numru ta' impjegati matul iz-zmien kollu tal- koncessjoni enfitewtika;*

*6. Illi inoltre, klawsola (15), tistabbilixxi l-obbligu fuq l-enfitewta li ma juzax il-fond b'tali mod li jista' johloq inkonvenjent jew idejjaq lill-Awtoritajiet Pubblici, jew lis-sidien jew okkupanti tal-proprjetajiet li jinsabu fil-vicinanzi;*

*7. Illi apparti minn hekk, klawsola sittax (16)(ii) tistabbilixxi illi l- enfitewta m'ghandux dritt jitrasferixxi jew b'xi mod jew iehor jiddisponi jew jikri s-sit enfitewtiku jew xi parti minnu, qabel ma jkollu bil-quddiem l-approvazzjoni bil-miktub tal- koncedenti;*

*8. Illi b'rikors guramentat prezentat nhar it-23 ta' Settembru 2009, is-socjeta' esponenti kienet ipprocediet ghax-xoljiment tac-cens b'kawża fl-ismijiet "Malta Industrial*

*Parks Limited vs Grazia Auto Care Company Limited" (Rik. Gur. 919/2009) u dan in vista ta' nuqqas ta' hlas ta' annati ta' cens u ksur iehor. Din l- Onorabbli Qorti diversament preseduta laqghet it-talbiet tal- esponenti b'sentenza tad-29 ta' Settembru 2011 (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. B") liema sentenza giet appellata. Fil-mori tal-appell, wara rapprezentazzjonijiet li saru mis-socjeta' konvenuta intlahaq ftehim fejn il-konvenuta intrabtet li thallas is-somma ta' €67,340 ghas-saldu tal-pretensjonijiet li kien hemm b'lura u dan kif jirrizulta minn kuntratt ta' Transazzjoni u Kostituzzjoni ta' Debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-2 ta' Settembru 2016 (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. C)". Fit-termini tal-istess kuntratt il- Partijiet qablu li jqisu l-kawża fl-ismijiet "Malta Industrial Parks Limited vs Grazia Auto Care Company Limited" daqs li kieku din qatt ma saret;*

*9. Illi skont l-imsemmi kuntratt ta' transazzjoni u kostituzzjoni ta' debitu tat-2 ta' Settembru 2016, is-somma ta' € 67,340 kellha tithallas in parte mal-kuntratt (u fil-fatt thallset is-somma ta €25,000) waqt li 1-bilanc tá €42,340 kellu jithallas b' pagamenti annwi ta' mhux anqas minn €7,755, f'kull anniversarju tal-kuntratt. Fil-fatt, sar pagament tardiv f'Settembru 2017, sar pagament tardiv f'Ottubru 2018, u pagament iehor tardiv fOttubru 2019, u ma sar ebda pagament fl-2020 u kwindi s-socjeta konvenuta ddekadiet mill-beneficcu tat-terminu u qed jiddekorru wkoll 1-imghaxijiet fit-termini tal-istess kuntratt.*

*10. Illi minn diversi spezzjonijiet li saru mill-esponenti jirrizulta illi s-socjeta konvenuta qiegħda fi ksur tal-klawsoli tal-kuntratt enfitewtiku sureferiti billi:*

*a. Mhijiex timpjega l-minimu ta haddiema stipulat gewwa l-fabbrika;*
*b. Qed tipprocessa materjal relatat ma' hut u prodotti tal-bahar, liema operazzioni ged tohloq inkonvenjent kbir kif ukoll hsara lin-negozju ta proprietajiet adjagenti, kif ukoll ged iddejjaq u tohloq inkonvenjent lill-Awtoritajiet Pubblici, okkupanti fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far kif ukoll resident tal-vicinanzi;*
*c. Kienet u ghadha ged tippermetti terzi li joperaw minn gewwa 1-fabbrika minghajr ebda permess u awtorizzazzioni migjuba mis-socjeta' esponenti;*
*d. Ghamlet xoghlijiet tad-drenagg fil-fond minghajr kunsens tal-esponenti;*

*11. Illi inoltre s-socjeta' konvenuta hija moruza fil-hlas u cens u dan ghal aktar minn zewg skadenzi;*

*12. Illi jsegwi li s-socjeta' intimata qieghdha fi ksur ta' klawsoli 2, 15 u 16 (ii) u dan minkejja d-diversi interpellazzjonijiet u skambji formali u informali li sarulha u certament mghadhiex tikkwalifika ghac-cens ridott amministrattivament skont klawsola 1(b) waqt li baqghet ukoll moruza fil-hlas tal-istess canone;*

*13. Illi:*
*a. klawsola (17) (a) tal-kuntratt enfitewtiku taghti dritt lill- esponenti sabiex ixxolji l-enfitewsi f'kaz illi l-Enfitewta ma juzax il-beni enfitewtiku ghall-iskop specifikat fil-kuntratt;*
*b. klawsola (17) (c) tal-kuntratt enfitewtiku taghti dritt lill- esponenti sabiex ixxolji l-enfitewsi f'kaz illi l-Enfitewta jonqos milli jhallas ic-cens ghal aktar minn zewg skadenzi;*
*c. klawsola (17) (e) tal-kuntratt enfitewtiku taghti dritt lill- esponenti sabiex ixxolji l-enfitewsi f'kaz li l-Enfitewta jonqos milli japplika ghal-licenzji u permessi kollha necessarji;*
*d. klawsola (17) (f) tal-kuntratt enfitewtiku taghti dritt lill- esponenti sabiex ixxolji l-enfitewsi f'kaz li l-Enfitewta jitrasferixxi, jew b'xi titolu iehor jiddisponi u/jew jaghti b'titolu*

*ta' kera s-sit enfitewtiku, minghajr ma jkollu bil- quddiem l-approvazzjoni bil-miktub tal-esponenti;*
*e. klawsola 17 (g) tal-kuntratt enfitewtiku taghti dritt lill- esponenti sabiex ixxolji l-enfitewsi f'kaz li l-Enfitewta jonqos milli jzomm fl-impjieg minimu ta' erbgha u ghoxrin (24) haddiem full-time matul iz-zmien kollu tal-koncessjoni enfitewtika wara tlett (3) snin minn meta jitlesta x-xoghol ta' bini fuq is-sit enfitewtiku;*

*14. Illi permezz ta' ittra registrata tal-20 ta' Awwissu 2020 (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. D"), il-mittenti interpellat lill- intimata sabiex tirregola ruhha fir-rigward tal-ksur tal-kuntratt enfitewtiku, izda din baqghet inadempjenti;*

*15. Illi ghaldaqstant, permezz ta' ittra ufficjali numru 3161/2020 (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. E") liema ittra ufficcjali giet debitament notifikata fid-9 ta' Ottubru 2020 u giet notifikata wkoll lill-Awtoritajiet koncernati, l-esponenti interpellat lill-intimata sabiex (i) tersaq ghax-xoljiment tal- kuntratt enfitewtiku u (ii) tizgombra u tnehhi kull oggett mobbli appartenenti lilha u dan in vista tal-ksur tal-klawsoli surreferiti, izda minkejja dan, hija xorta baqghet inadempjenti;*

*16. Illi barra minn hekk, l-intimata ilha ma thallas il-canone dovut lill-mittenti minn Novembru tas-sena 2016;*

*17. Illi ghaldaqstant, jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex il- koncessjoni enfitewtika tigi dikjarata xjolta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi filwaqt li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata tizgombra mis-sit enfitewtiku u tghaddi l-istess bil-pussess battal lis-socjeta' attrici;*

*18. Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-enfitewsi temporanja veljanti fuq is-sit sopra deskritt ghandha tigi dikjarata xolta u l-istess sit bil- benefikati fuqu eretti ghandhom jiddevolvu ghand is-socjeta' attrici stante li s-socjeta' intimata kisret il-kundizzjonijiet li tahthom saret il-koncessjoni u b'hekk tat lok sabiex is-socjeta' esponenti tirrikorri ghat-terminazzjoni ta' tali koncessjoni enfitewtika u dan filwaqt li l-istess socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas sija l-ammont ta' canone minnha dovut lis- socjeta' esponenti kif ukoll il-bilanc skont kuntratt ta' kosttuzzjoni ta' debitu suriferit prevja dikjarazzjoni li ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu;*

*Ghaldaqstant, is-Socjeta' Rikorrenti titlob bir-rispett illi din l- Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l- provvedimenti opportuni, joghgobha:*

*1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta kisret diversi kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' enfitewsi temporanja Nutar Dottor Carmelo Lia tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) li permezz tieghu l-Korporazzjoni Ghall-Izvilupp ta' Malta kkoncediet b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghall-perjodu ta' hamsa u sittin sena (65) dekorribbli mid-data tal-att, bicca art fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Far liema art ghandha kejl ta' 3,329m u tikkonfina minn kull naha ma' beni tal-Gvern, fuq liema sit enfitewtiku llum tinsab mibnija fabbrika maghrufa bhala HHF306;*
*2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta mhijiex qeghda tuza l- fabbrika llum maghrufa bhala HHF306 mibnija fuq bicca art fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far liema art ghandha kejl ta' 3,329m u tikkonfina minn kull naha ma' beni tal-Gvern (liema art kienet koncessa in enfitewsi temporanja) specifikament ghall-iskop ta' produzzjoni ta' auto repairs jew bil-Malti, tiswija ta' karozzi u ghaldaqstant ma tistax tapplika r-rata ta' cens annwu amministrattivament ridott;*
*3. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu koncess lilha skont kuntratt ta' Transazzjoni u Kostituzzjoni ta' Debitu fl-Atti tan-Nutar*

*Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-2 ta' Settembru 2016 meta baqghet moruza fil-hlas ta' l-ammont dovut fl-iskadenza tat-2 ta' Settembru 2020;*
*4. Tiddikjara xjolta l-koncessjoni enfitewtika maghmula b'kuntratt ta' enfitewsi temporanja fl-Atti Nutar Dottor Carmelo Lia tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998);*
*5. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss tizgombra mis-sit enfitewtiku u mill-beni fuqu eretti ossia l-bicca art fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far liema art ghandha kejl ta' 3,329m u tikkonfina minn kull naha ma' beni tal-Gvern, fuq liema sit enfitewtiku llum tinsab mibnija fabbrika maghrufa bhala HHF306 u tikkonsenja c-cwievet lis-socjeta' attrici;*
*6. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' €19,075 liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar minnha dovut mill-istess socjeta' konvenuta lill-istanti skont il-kuntratt ta' Transazzjoni u Kostituzzjoni ta' Debitu fl-Atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-2 ta' Settembru 2016, oltre l-imghax;*
*7. Tillikwida l-canone dovut mill-intimata ghall-perjodu mis-16 ta' Novembru 2016 sad-data tal-effettiv zgumbrament;*
*8. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat;*
*Bl-ispejjez, inkluz dawn tal-ittra ufficcjali numru 3161/2020 ("Dok. E") u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa qed tigi ingunta in subizzjoni.'.*

***Illi fir-Risposta tagħha, il-Kumpanija Grazia Auto Care Company irrispondiet is-segwenti:***

*1. 'Illi l-intimata issostni li hija qed tosserva l-kondizzjonijiet kollha tal-koncessjoni enfitewtika u ma kisret ebda kundizzjonijiet tal-kuntratt tat-13 ta' Ottubru 1998;*
*2. Illi mhux minnu li l-intimata mhux qed tuza l-fabbrika ghall- iskop li nghatat biex b'hekk ghandha tapplika r-rata ridotta;*
*3. Illi mhux minnu li l-intimata ddekadiet mill-beneficcju tat- terminu tal-Kostituzjoni ta' Debitu tat-2 ta' Settembru 2016;*
*4. Illi m'ghandhiex tigi dikjarata xolta l-koncessjoni enfitewtika tat-13 ta' Ottubru 1998;*
*5. Illi l-intimata m'ghandhiex tigi zgumbrata mill-post bl- indirizz HHF 306, Hal Far;*
*6. Illi ma hemm ebda ammont dovut li ghandu jigi rikomputat stante li ma hemm ebda ksur;*
*7. Illi mhux minnu li l-esponenti qed tohloq inkonvenjent kbir kif ukoll hsara lil negozji ta' propjetajiet adjagenti, u inkonvenent lill-Awtoritajiet Pubblici, u jinkombi li din l- allegazjoni tigi ppruvata mir-rikorrenti;*
*8. Illi ma hemm ebda terzi joperaw gewwa l-fabbrika minghajr permess;*
*9. Illi mhux minnu li saru xogholijeit tad-drenagg minghajr kunsens;*
*10. Illi ma hemm ebda raguni ghaliex il-koncessjoni enfitewtika tigi dikjarata xolta;*
*11. Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfundata fil-fatt u fid-dritt;*
*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti ngunti ghas subizzjoni.'.*

***Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata t-3 ta' Ottubru 2023 Rikors Guramentat Numru 351/2021JVC fl-ismijiet INDIS Malta Ltd (C28965) vs Grazia Auto Care Company Limited (C18549), l-imsemmija Qorti ddeċidiet is-segwenti :***

*1. « Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata Grazia Auto Care Company Limited;*

*2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-socjeta' intimata kisret diversi kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' enfitewsi temporanju fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) li permezz tieghu l-Korporazzjoni Ghall-Izvilupp ta' Malta kkoncediet b'titolu ta' enfitewsi temporanju ghall-perjodu ta' hamsa u sittin sena (65) dekorribbli mid-data tal-att, bicca art fil- Qasam Industrijali ta' Hal-Far liema art ghandha kejl ta' 3,329m2 u tikkonfina minn kull naha ma' beni tal-Gvern, fuq liema sit enfitewtiku llum tinsab mibnija fabbrika maghrufa bhala HHF306;*

*3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-socjeta' intimata m'hijiex qieghda tuza l-fabbrika llum maghrufa bhala HHF306 mibnija fuq bicca art fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far liema art ghandha kejl ta' 3,329m2 u tikkonfina minn kull naha ma' beni tal-Gvern (liema art kienet koncessa in enfitewsi temporanja) specifikament ghall-iskop ta' produzzjoni ta' auto repairs jew bil-Malti, tiswija ta' karozzi u ghaldaqstant ma tistax tapplika r-rata ta' cens annwu amministrattivament ridott;*

*4. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li s-socjeta' intimata ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu koncess lilha skont il- kuntratt ta' Transazzjoni u Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-2 ta' Settembru 2016 meta baqghet moruza fil-hlas ta' l-ammont dovut fl- iskadenza tat-2 ta' Settembru 2020;*

*5. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xjolta l-koncessjoni enfitewtika maghmula bil-kuntratt ta' enfitewsi temporanja fl-atti Nutar Dottor Carmelo Lia tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998);*

*6. Tilqa' l-hames talba u tordna lis-socjeta' intimata sabiex sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru, 2023 tizgombra mis- sit enfitewtiku u mill-beni fuqu eretti ossia l-bicca art fil- Qasam Industrijali ta' Hal Far liema art ghandha kejl ta' 3,329m2 u tikkonfina minn kull naha ma' beni tal-Gvern, fuq liema sit enfitewtiku llum tinsab mibnija fabbrika maghrufa bhala HHF306 u tikkonsenja c-cwievet lis-socjeta' attrici;*

*7. Tilqa' s-sitt talba u tikkundanna lis-socjeta intimata thallas is-somma ta' dsatax il-elf u hamsa u sebghin Ewro (€19,075) liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar minnha li kien dovut mill-istess socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti skont il-kuntratt ta' Transazzjoni u Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-2 ta' Settembru 2016, oltre l-imghax mid-data tal-prezenti decizjoni;*

*8. Tilqa' s-seba' talba limitatament u tillikwida l-canone dovut mis-socjeta' intimata ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2021 sad-data tal-31 ta' Dicembru, 2023 fl-ammont ta' tlett mija, tmienja u erbghin elf, disa' mija u wiehed u hamsin Euro u erba' u tmenin centezmu (€348,951.84);*

*9. Tilqa' t-tmien talba u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas l-ammont kollu likwidat fis-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin elf, sitta u ghoxrin Euro u erba' u tmenin centezmu (€368,026.84).*

*Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data tal-prezenti decizjoni kontra s-socjeta' intimata ».*

***Illi l-Kumpanija Rikorrenti kienet ħassitha aggravata minn din is-sentenza, u intavolat appell skond il-liġi.***

i. *Illi sussegwentement, il-Kumpanija Rikorrenti ġiet rinfaċċjata b'Notifika t'Avviż ta' Ħlas ta' Garanzija tal-Appell fl-ammont ta' sittin elf u tlett mitt Ewro (€60,300).*

ii. *Billi l-Kumpanija Rikorrenti rat li ma jagħmilx sens li hija tħallas tali somma sabiex jiġi permess lilha li tkun tista' taċċedi għal qrati ta' pajjiżna u l-appell tagħha, hija, skont il-liġi, ir-regoli u d-dritt sagorsant tagħha ta' 'due process', ressqet Rikors quddiem il-Qorti tal-Appell fejn testwalment, dan ir-Rikors tal-Kumpanija Grazia Auto Care Company Limited jgħid is-segwenti :*

*a. "Illi l-Kumpanija Appellanti tagħmel riferenza għal dan l-appell imressaq minnha u għall-Avviz ricevut minnha a tenur tal-Art. 249 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*b. Illi l-Kumpanija Appellanti tirrileva li hija għadha fit-terminu skont l-istess Avviz sabiex thallas l-imsemmija garanzija tal-appell;*

*c. Illi madanakollu qed jigi rilevat illi l-ammont mitlub bhala kawtela huwa wiehed esagerat hekk kif jidher mill-istess Avviz, meta wiehed iqis il-kawża, l-ispejjez u d-drittijiet li jistgħu jkunu dovuti skont il-liġi;*

*d. Illi ssir riferenza għall-Art 249 li testwalment igħid is-segwenti; "(1) Sakemm ma jiġix provdut mod ieħor f'xi liġi oħra, fil-każ ta' appell prinċipali jew inċidentali minn sentenzi jew digrieti mogħtija f'kawża mibdija minn rikors maħluf, il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell għandha tiġi prodotta u depożitata fil-qorti fi żmien tliet (3) xhur minn meta l-appellant jirċievi l-avviż għall-ħlas. Jekk l-appellant ma jiġix notifikat b'dan l-avviż, ir-reġistratur għandu, fi żmien għaxart (10) ijiem, jinforma bil-miktub lill-avukat ta' dik il-parti li l-avviż ma ġiex notifikat u l-avukat għandu jiffirma fuq kopja li rċieva din il-komunika: Iżda ma għandha tittieħed l-ebda azzjoni kontra l-Avukat talli jonqos milli javża lil dik il-parti.*

*(2) Dik il-garanzija għandha tkun fis-somma stabbilita mir-reġistratur u għandha ssir jew billi jiġu depożitati flus likwidi jew billi tinħareġ garanzija bankarja ta' bank li jkollu liċenza skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju skont l-Iskeda Ċ li tinsab ma' dan il-Kodiċi.*

*(3) Dak id-depożitu ma għandux jissodisfa it-talbiet tal-kredituri ta' dik il-parti li tkun għamlet dak id-depożitu, sakemm dan jibqa' hekk depożitat sabiex bih jitħallsu l-ispejjeż tal-kawża."*

*e. Illi jekk wiehed jikkonsidra dan amministrattivament wiehed kellu jasal b'mod approsimattiv għal kawtela li kellha tkun circa kwart dak li qed jigi mitlub mill-Kumpanija Esponenti u dana għaliex dak li kellu jigi ikkawtelat huwa d-drittijiet tal-Avukat u l-Prokuratur Legali u kif ukoll l-ispejjez u dana skont dak li tgħid b'mod car il-liġi;*

*f. Illi meta wiehed iqis li si tratta ta' kawża li giet inizzjata bhala wahda 'da liquidarsi' u anke meta wiehed sahansitra l-ammont li gie likwidat fis-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Grad, wiehed xorta wahda ma jasalx għall-ammont astronomiku li qed jigi mitlub;*

*g. Illi dan qed iwassal sabiex il-Kumpanija Appellanti ser tigi mcahhda, minhabba l-ammont astronomiku mitlub bhala kawtela, milli tesercita' l-jedd tagħha t'appell mogħti lilha bil-liġi u għalhekk qed jekk din is-sitwazzjoni ser tippersisti dan ser ikun qed jikser il-jedd fundamentali tal-Kumpanija Appellanti milli jkollha aċċess xieraq u effettiv għall-qrati tagħna, liema jedd huwa sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta [Art. 37], fil-Kap. 319 [Art. 6] u kif ukoll fic-Charter Dwar il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja;*

*h. Illi anke l-Art. 47 tac-Charter tal-Unjoni Ewropeja jgħid is-segwenti;*

i. *"Everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal in compliance with the conditions laid down in this Article.*

ii. *Everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal previously established by law. Everyone shall have the possibility of being advised, defended and represented.*

iii. *Legal aid shall be made available to those who lack sufficient resources in so far as such aid is necessary to ensure effective aċċess to justice."*

*i. Illi per konsegwenza l-Kumpanija Esponenti qedha tressaq il-presenti Rikors sabiex dan l-ammont jigi rivedut mill-amministrazzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja u dana fuq ordni li għandha s-setgħa tagħti bil-liġi dina l-Onorabbli Qorti;*

*j. Għaldaqstant il-Kumpanija Appellanti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħgobha fl-ewwel lok tissospendi t-terminu li fih l-istess Kumpanija tista' tiddeposita din il-kawtela tagħha skont il-liġi jew inkella testendi t-terminu hekk kif thoss li hu xieraq, u fit-tieni lok tordna lill-amministrazzjoni tal-Qorti ossia Direttur, Qrati Civili u Tribunali ossia Registratur sabiex jirrevedi 'l isfel tali kawtela."*

iii. *Illi l-Qorti tal-Appell semgħet it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors u waslet għal żewġ decizjonijiet u dana nhar il-21 t'Ottubru, 2024.*

iv. ***L-ewwel deċiżjoni fejn il-Qorti ċaħdet it-talba magħmula mill-Kumpanija Rikorrenti dwar l-ammont tal-garanzija tal-appell qalet testwalment is-segwenti:***

- *"Konsiderazzjoni. Fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2024 xehdet Karen Falzon, Assistent Reġistratur li spjegat kif ir-Reġistratur ħadem it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji wara li ngħatat is-sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2023.*

- *Il-garanzija li l-appellanti ntalbet tagħti skont l-Art. 249 tal-Kap.12 hi bażata fuq it-taxxa li r-Reġistratur ħareġ fl-20 ta' Novembru 2023 wara s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2023, u magħha żdied terz minħabba dak li jipprovdi paragrafu 38 ta' Tariffa E tal-Kap.12. App. Ċiv.351/2021/2.*

- *Fl-ewwel lok irid jissemma li mill-provi ma rriżultax li wara li r-Reġistratur ħareġ it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji b'referenza għas-sentenza appellata, l-appellanti ikkontestat dik it-taxxa skont il-proċedura kontemplata fl-Art. 64 tal-Kap. 12, kif kellha jedd li tagħmel.*

- *Madankollu, dak li jinteressana f'dan il-każ hu d-dritt tal-avukat u prokuratur legali, peress li d-dritt tar-Reġistru li ntalab bl-avviż hu ta' €100 biss, li ovvjament l-appellanti mhijiex tikkontesta.*

- *Il-kawtela li l-appellanti ntalbet tagħti hu b'referenza għall-appell li ppreżentat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-3 ta' Ottubru 2023. Sentenza li inter alia ordnat: i. Li jinħall il-kuntratt ta' enfitewsi temporanja pubblikat fit-13 ta' Ottubru 1998, li kien għall-perjodu ta' 65 sena, ċjoè sas-sena 2063. ii. Lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' €19,075 bilanċ minn somma akbar dovuta skont kuntratt pubblikat fit-2 ta' Settembru 2016; u iii. Lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' €348,951 ċens għall perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023. App. Ċiv.351/2021/2.*

- *Għalhekk is-sentenza definittiva kien fiha tliet valuri differenti.*

▪ *L-ewwel talba hi dwar il-ħall ta' kuntratt ta' enfitewsi minħabba morożità fil-ħlas ta' ċens. Talba li fiha nnifisha fiha valur għaliex titratta dwar l-utile dominju li fih innifsu hu mmobbli u bħala tali għandu valur. Valur li jiġi determinat miċ-ċens ta' kull sena multiplikat 25 darba (Art. 749 tal-Kap.12). Imbagħad bis-sentenza appellata ġie ordnat ukoll il-ħlas tas-somma €368,026. Dan jiġi ntaxxat 'ad valorem' (paragrafu 13 ta' Tariffa E).*

▪ *Għalhekk il-garanzija li ntalbet mir-Reġistratur tidher li hi ġusta. Iktar minn hekk l-ammont li ntalab fir-rigward tar-Reġistru hu ferm inqas minn dak li suppost intalab għaliex f'dak il-każ ukoll suppost kellu jsir kalkolu 'ad valorem'.*

▪ *Għaldaqstant, tikkonkludi li m'hemmx raġuni li tiġġustifika tnaqqis fil-garanzija li talab ir-Reġistratur.*

▪ *L-ilment tal-konvenuta li qiegħda tiġi mċaħħda milli tkompli bl-appell u li dan iwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq, ma tistax tingħata deċiżjoni dwaru f'dan id-digriet ġialadarba din mhijiex kawża kostituzzjonali. Dan apparti l-fatt li l-appellanti ma wrietx li m'hijiex finanzjarjament f'pożizzjoni li tagħti l-garanzija mitluba u lanqas ma rriżulta li talbet li tingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament (Artikolu 904 tal-Kap. 12).*

▪ *Deċiżjoni. Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-kumpanija appellanti magħmula bir-rikors tal-11 ta' Marzu 2024 bl-ispejjeż kontriha."*

v. *Illi t-tieni deċiżjoni ngħatat fl-atti tal-appell innifsu fejn il-Qorti tal-Appell iddekretat dan li ġej :* ***« Wara li b'digriet tal-lum stess il-Qorti cahdet it-talba tal-kumpanija appellanti sabiex tigi riveduta l-kawtela għall-ispejjez tal-appell, billi llum għadda t-terminu għall-hlas tal-kawtela, l-appell odjern qed jigi dikjarat DEZERT. »***

***IL-JEDD TAL-AĊĊESS GĦALL-QRATI.***

i. *Illi hawnhekk, il-Kumpanija Rikorrenti qiegħda tagħmel riferenza għall-fatt illi b'dan l-aġir u minħabba l-ammont astronomiku mitlub bħala kawtela, hija ser tiġi mċaħħda milli teżerċita' l-jedd tagħha t'appell mogħti lilha bil-liġi.*

ii. *Per konsegwenza, din is-sitwazzjoni maħluqa bid-deċiżjonijiet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn surreferiti waslet biex kisret il-jedd sagraosant tal-Kumpanija Rikorrenti għall-aċċess tal-qrati ta' pajjiżna, kompriż fih il-jedd li wieħed jappella minn sentenza tal-qorti, hekk kif del resto kkontemplat fil-liġi tali decizjoni. Dan qed jikser il-jedd fundamentali tal-Kumpanija Rikorrenti Appellanti milli jkollha aċċess xieraq u effettiv għall-qrati tagħna, liema jedd huwa sanċit fil-Kostituzzjoni ta' Malta [Art. 37], fil-Kap. 319 [Art. 6] u kif ukoll fic-Charter Dwar il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja [UE] kif ukoll ikkontemplat fl-Art. 47 tac-Charter tal-Unjoni Ewropeja [UE] li jgħid is-segwenti:*

*"Everyone whose rights and freedoms guaranteed by the law of the Union are violated has the right to an effective remedy before a tribunal in compliance with the conditions laid down in this Article.*

*Everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal previously established by law. Everyone shall have the possibility of being advised, defended and represented.*

*Legal aid shall be made available to those who lack sufficient resources in so far as such aid is necessary to ensure effective access to justice.”*

iii. *Illi l-Kumpanija Rikorrenti tirrileva li għalkemm m’hemmx appell mid-decizjoni li ngħatat mill-Qorti tal-Appell nhar il-21/10/2024, hija xorta tibqa’ tinsisti li l-garanzija tal-appell inħadmet ħażin u kontra l-interessi tagħha, għaliex anke jekk kien hemm tliet [3] valuri differenti u dan a kawża tat-talbiet hekk kif imressqa fil-kawża, kellu jittieħed l-aktar wieħed għoli sabiex jinħadmu l-jeddijiet tal-Avukat u l-Prokuratuer Legali u m’hux it-tlieta [3] f’daqqa;*

iv. *Jidher ċar li l-Qorti tal-Appell qablet mad-deposizzjoni xejn konvinċenti mogħtija minn rappreżentant tal-Aġenzija Intimata, u ma tatx importanza lil punt kardinali, u cioe’ li l-Kumpanija Appellanti kienet ser tigi kostretta li tressaq garanzija tal-appell ta’ circa 16 per centum tal-ammont li ġie llikwidat fis-sentenza li minnha hija ressqet appell dwarha, sabiex ikollha aċċess li jiġi trattat u deċiż l-appell interpost minnha. Dan huwa ‘gatekeeping’ in flagrante għal min jersaq sabiex juża dritt sagroasant tiegħu sabiex jappella minn decizjoni kontra tiegħu.*

v. *Il-Qorti tal-Appell kellha tagħti piz lil dan kollu, aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra l-import ta’ din is-sentenza u r-riperkussjonijiet devastanti tagħha fuq il-Kumpanija Rikorrenti, fejn bażikament dan ser iwassal li bosta persuni jispiccaw bla xogħol, li minnu jaqilgħu l-għixien għalihom u għall-kumplament tal-familji tagħhom!*

vi. *Hawnhekk, issir riferenza għas-sentenzi tal-Qorti ta’ Strasburgu, fejn din il-Qorti għamlitha ċara b’mod konsistenti li l-jedd għall-aċċess għall-qrati f’kull stadju tal-iter processwali m’huwiex ‘theoretical or illusory’, izda għandu jkun dejjem jedd li huwa ‘practical and effective.’*[1] *Hawnhekk il-fatti kienu dwar spejjez tal-Qorti li jista’ jeħel min jirrikorri għal xi qorti nazzjonali f’pajjiż firmatarju tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti qalet ukoll li anke spejjez li jista’ jeħel kwalunkwe Rikorrenti fl-aħħar tal-procedura jew iter processwali, u li jwasslu għal fuq ir-Rikorrenti piż finanzjarju konsiderevoli u sproporzjonat, għandu jitqies bħala restrizzjoni bla bżonn għall-jedd tiegħu għall-aċċess tal-qrati.*

vii. *Illi, in oltre, kif din il-Qorti sostniet b’mod konsistenti, li din ir-restrizzjoni ma’ tkunx kompatibbli mal-Art. 6 tal-Konvenzjoni, sakemm ma tkunx qiegħda hemm għall-otteniment ta’ xi għan legittimu. Il-Qorti dejjem żiedet li huwa kweżit pero’ li jkun hemm proporzjonalita’ bejn il-mezzi adoperati mill-Istat u l-għan legittimu li jrid jiġi milħuq.*[2]

viii. *Issir riferenza wkoll għad-decizjoni tal-Qorti ta’ Strasburgu f’’Stankov v. Bulgaria*[3] *fejn hemmhekk ir-Rikorrent ried jiftaħ kawża in linea ta’ danni kontra l-Istat a kawża tal-aġir tal-awtoritajiet investigattivi fil-konfront tiegħu. L-ispejjez skont il-liġi sabiex huwa jkun jista’ jintavola kawża kienu konsiderevoli. Il-Qorti sabet li dan m’hux kompatibbli mal-Art. 6 tal-Kovenzjoni u għalkemm m’hemmx dubju li jista’ jkun hemm ammont ta’ spejjez sabiex Rikorrenti jressaq kawża, dawn ma jistgħux iwasslu għal piz finanzjarju konsiderevoli u sproporzjonat li konsegwentement għandu jitqies bhala restrizzjoni bla bzonn għall-jedd tiegħu għall-aċċess tal-qrati.*

ix. *Illi fuq l-istess linji, l-istess Qorti ddecidiet f’kaz li kien jirrigwardja penali tassattiva ta’ 10% tal-valur fuq debitur li pprova jwaqqaf bejgħ gudizzjarju u ma jkunx irnexxielu*

[1] Vide, inter alia, ‘Airey v. Ireland’, judgment of 9 October 1979, Series A no. 32. ‘Aït-Mouhoub v. France’, judgment of 28 October 1998.

[2] Vide, per ezempju, ‘Tinnelly & Sons Ltd and Others and McElduff and Others v. the United Kingdom’, judgment of 10 July 1998 ; ‘Apostol v. Georgia’, no. 40765/02, judgment of 28 November 2006

[3] dated 12/7/2007, App. No.: 68490/2001)

*jwettaq dan. Dan seħħ fil-kaz fl-ismijiet 'Sace Elektik Ticaret u. Sanayi A.S. v. Turkey'.[4] Hawnhekk, il-Qorti qalet li għalkemm element ta' penali huwa possibbli li jkun f'dan il-kaz f'sistema legali nazzjonali, l-ammont u l-fatt li ma kien hemm l-ebda diskrezzjoni dwar tali imposizzjoni m'hux kompatibbli mal-istess Art. 6.*

x. *Illi l-Kumpanija Rikorrenti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza ricenti datata id-9/6/2022 fl-ismijiet 'Xavier Lucas v. France' [App.: 15567/2020] fejn il-Qorti ddecidiet li kwezit tassattiv li Appellant, sabiex jappella, għandu juza biss platform elettronika partikolari m'hux kompatibbli mal-Art. 6 tal-Konvenzjoni għaliex jirrestringi inutilment il-jedd għall-aċċess għall-qrati, u għandu jinzamm bilanc bejn dan il-jedd u l-formalizmu meħtieġ fi proċedura tal-appell. Dan qed jingħad sabiex jintwera kemm il-Qorti ta' Strasburgu tħares b'ċertu ċirkospezzjoni lejn kwalunkwe restrizzjoni għall-jedd t'appell u li tali appell jinstemgħa skont ir-regoli ta' 'due process'!*

xi. *L-istess għandu jingħad għal ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja (UE) fejn hawnhekk, il-Qorti tisħaq fuq l-Art. 19 TEU, li jipprovdi għal 'full judicial protection' ta' kull ċittadin kommunitarju, u jitfa' obbligu fuq il-Membri-Stati sabiex jaċċertaw li s-sistema t'organizzazzjoni tal-qrati u tribunal tagħhom hija waħda li tirrispetta dan, u tagħti rimedji effettivi u adekwati lic-cittadini fi sfond ta' dak provdut fl-Art. 47 tac-Charter. Dawn is-sentenzi jorbtu wkoll fuq is-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu u jiehdu l-kejl tal-Qorti ta' Strasburgu bħala ta' lanqas il-kriterju minimu li huma għandhom jadottaw fl-interpretazzjoni tac-Charter.[5]*

xii. *Għalhekk, f'dan ir-rigward u minn issa, il-Kumpanija Rikorrenti qiegħda tirriserva l-posizzjoni tagħha in konnessjoni mal-Art. 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, jekk ikun il-kaz, sabiex jiġi vverifikat jekk kwalunkwe deċiżjoni li ħadet il-Qorti tal-Appell jew kwalunke liġi applikabbli hix kompatibbli mad-dritt tal-UE, u dana qabel kwalunkwe decizjoni finali minn din l-Onorabbli Qorti.*

***IT-TELFIEN TA' RIMEDJI FIL-LIĠI***

xiii. *Illi t-tieni lanzjanza kostituzzjonali li qiegħda tressaq il-Kumpanija Rikorrenti titratta l-fatt kif, fil-verbal mogħti fl-atti tal-appell, il-Qorti tal-Appell qabdet u tefgħet l-appell deżert, mingħajr ma tat l-opportunita' lill-Kumpanija Rikorrenti li tirregola ruħha u/jew tipprevalixxi ruħha mill-benefiċċju tal-ħelsien tal-garanzija tal-appell bil-ġurament.*

xiv. *Illi l-Kumpanija Rikorrenti tirrileva li hija stess fir-Rikors imressaq minnha dwar il-garanzija tal-appell [hawn fuq riprodott] talbet li jkun hemm sospensjoni tat-terminu ta' tliet [3] xhur f'każ li l-Qorti tal-Appell ma tilqax it-talba tagħha għar-revizjoni 'l isfel tal-imsemmija garanzija. Dan kollu ġie injorat bi pregudizzju procedurali u fattwali enormi għall-Kmupanija Rikorrenti meta l-appell tagħha ġie iddikjarat '**Deżert'**.*

xv. *Illi l-istess Qorti tal-Appell qalet fil-'parte considerandi' tad-digriet tagħha li l-Kumpanija Rikorrenti setgħet ipprevaliet ruħha milli tressaq talba sabiex hija tiġi meħlusa mill-garanzija a tenur tal-Art tal-Kap. 12. Bir-rispett kollu, kif setgħet il-Kumpanija Rikorrenti twettaq dan qabel ma hija tikkontesta l-ammont tal-garanzija? Dan bla dubju seta' biss isir wara dan il-process għaliex kien ikun f'tali punt li l-Kumpanija Rikorrenti setgħet*

[4] dated 22/10/2013; App. No.: 20577/2005

[5] Vide, inter alia, C-432/05, 'Unibet (London) Ltd and Unibet (International) Ltd v. Justitiekanslern', 13 March 2007; C-279/09, 'DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft mbH v. Bundesrepublik Deutschland', 22 December 2010; C-619/10, 'Trade Agency Limited v. Seramico Investments Limited', 6 September 2012.

*tirregola ruħha f'dan ir-rigward. Bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, dan ġie innegat lill-Kumpanija Rikorrenti.*

xvi. *Illi din id-decizjoni hija wkoll erroneja minn ottika li dan il-beneficcju m'għandux x'jaqsam mar-rikors intavolat mill-Kumpanija Rikorrenti għaliex huma żewġ binarji totalment separati.*

xvii. *Illi sabiex il-jeddijiet procedurali tal-Kumpanija Rikorrenti jkunu mħarsa, li kellu jsir huwa li l-Qorti tal-Appell, wara dan id-digriet tagħha, tagħti terminu sabiex il-Kumpanija Rikorrenti tirregola ruħha. Filwaqt li wieħed jifhem li l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija inondata b'bosta appelli, ma jfissirx li l-appelli mismugħa minnha, specjalment bħal dak odjern li għandu certament impatt b'saħħtu fuq il-Kumpanija li tkun* ***appellanti****, wieħed għandu juri aktar kawtela li r-regoli bazici ta' 'due process' għandhom jigu mħarsa u lil min appella [il-Kumpanija Rikorrenti] għandha tingħata kull opportunita' li tiġġieled il-kaz tagħha b'rispett tal-principju procedurali sagrosant tal-'equality of arms'.*

***IL-QORTI KELLHA TIEĦU KONJIZZJONI TA' LANJANZI KOSTITUZZJONALI***

*Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha iddeċidiet illi 'L-ilment tal-konvenuta li qiegħda tiġi mċaħħda milli tkompli bl-appell u li dan iwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq, ma tistax tingħata deċiżjoni dwaru f'dan id-digriet ġialadarba din mhijiex kawża kostituzzjonali'.*

*L-esponent bir-rispett kollu jissottometti illi din il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell tmur espressament kontra dak li jipprovdi l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li jistipula li*

*'(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiemil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja;u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.'*

*Dispożizzjoni identika tinsab fl-artikolu 4(3) tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Dak li jistipulaw dawn id-dispożizzjonijiet mhux illi kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali ma tistax titqajjem ħlief f' kawża kostituzzjonali iżda li jekk dik il-kwistjoni titqajjem f' Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili l-kwistjoni tigi riferuta. lil dik il-Qorti biex tiġi deċiża.*

*Għalhekk l-argument fis-sens illi biex wieħed iqanqal kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali dan jista' jagħmlu biss f'kawża kostituzzjonali u fl-ebda kawża oħra huwa għal kollox żbaljat u, kif addottat mill-Qorti, jikkostitwixxi ukoll negazzjoni tal-applikazzjoni tal-liġi u ċaħda tad-dritt għal rimedju effettiv kif garantit bl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jistipula li:*

*'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

*Sfortunatament dan ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell iżjed huwa apprezzabbli bhala wieħed ta' konvenjenza biex il-Qorti tiddisponi mill-kawżi b' mod spiċċattiv milli bħala wieħed legali. Huwa ċar illi l-apparenza ta' prevalenza tal-konvenjenza fuq il-liġi f' dan*

*il-każ, bir-rispett kollu lejn il-Qorti tal-Appell, taqbeż il- limitu legali ta' dak li jista' jkun aċċettabbli fl-interess tal-effiċjenza meta kontobilanċjata mal-ġustizzja.*

Rat **ir-Risposta** tas-soċjeta' **INDIS Malta Ltd** (Indis) tal-20 ta' Diċembru 2024 (fol 45), minn fejn jirriżulta illi s-soċjeta' intimata tgħid:

*Illi s-soċjeta rikorrenti ippreżentat żewġ rikorsi:*

- *Wieħed fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 1880/2024 fejn qed tagħmel riferenza għall-proċeduri kostituzzjonali bin-numru 513/2024ISB u qed titlob it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-istess mandat;*
- *Ieħor fl-atti tal-proċeduri kostituzzjonali bin-numru 513/2024ISB fejn qed tagħmel riferenza għall-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 1880/2024 u qed titlob provvediment interim konsistenti fit-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-istess mandat;*

*Illi permezz tal-odjerna risposta, l-esponenti sejra tgħaddi sabiex twieġeb għaż-żewġ rikorsi.*

*Illi l-argomenti tas-soċjeta rikorrenti jistgħu jiġu sintetizzati f'dan li ġej:*

1. *Illi l-effett tas-sentenza tal-prim'istanza fil-kawża fl-ismijiet "Indis Malta Ltd vs Grazia Auto Care Limited", ormai res judicata huwa li s-soċjeta rikorrenti tiġi żgumbrata minn proprjetà bil-konsegwenza li bosta familji jitilfu xogħolhom mil-lum għal għada;*
2. *Illi l-kopja notifikata lilha tal-mandat ta' żgumbrament mgħandux firma ta' avukat u qed tikkontesta l-validità tal-istess mandat;*
3. *Illi qed isiru riferenzi għat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u riferenzi għal prinċipji ta' Dritt Ewropew;*
4. *Illi hemm lok, a bażi tal-ġurisprudenza, li jingħata provvediment interim;*
5. *Illi l-lanjanzi kostituzzjonali jistgħu iġibu fix-xejn is-sentenza suriferita ormai res judicata.*

*Illi l-esponenti ma taqbel mal-ebda wieħed minn dawn l-argomenti u sejra tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Dan qed tagħmlu fil-kuntest anke tal-argumenti li hija ressqet in oppożizzjoni għar-rikors kostituzzjonali.*

- ***Dwar li l-effett tas-sentenza tal-prim'istanza fil-kawża fl-ismijiet "Indis Malta Ltd vs Grazia Auto Care Limited", ormai res judicata huwa li s-soċjeta rikorrenti tiġi żgumbrata minn proprjetà bil-konsegwenza li bosta familji jitilfu xogħolhom mil-lum għal għada;***

*Illi r-risposta għal dan l-argument tagħtu l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha meta fil-kunsiderazzjonijiet tagħha stqarret kif ġej:*

*Illi x-xhieda prodotti mis-socjeta' rikorrenti Etienne Stanicic (fol. 54) u Charles Pearsall (fol. 51) ikkonfermaw li s-socjeta' intimata m'hijiex qieghda timpjega l-minimu ta' haddiema hekk kif stipulat fil-kuntratt.* ***Dan gie kkonfermat mix-xhud Louis Buhagiar – rapprezentant tal-Jobs Plus li xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2021 (fol. 91A) fejnipprezenta lista ta' impjegati li kienu u li qeghdin jahdmu mal-***

***kumpanija Grazia Auto Care Company Limited <u>u kkonferma bil-gurament li dakinhar is-socjeta' intimata kellha biss impjegat wiehed</u>.*** *Minn ezami tal-lista li tinsab a fol. 82 et seq tal-process jirrizulta kkonfermat li m'hemmx il-minimu ta' impjegati mas-socjeta' intimata u qatt ma ntlahaq il-minimu ta' mpjegati hekk kif stipulat fil-kuntratt tat-13 ta' Ottubru, 1998. Bla dubju ghalhekk jirrizulta l-ksur ta' din il-kundizzjoni.*

*Illi huwa tal-mistħija li wieħed jipprova jpinġi, quddiem din l-Onorabbli Qorti denja tal-ogħla rispett, stampa diversa mir-realtà bil-għan li jieħu raġun dwar xi ħaġa li jaf li mgħandhiex mis-sewwa.*

*Illi jkun opportun li jiġi ppreċiżat li dan l-uniku ħaddiem mhu ħadd ħlief id-direttur tal-istess soċjeta konvenuta, illum rikorrenti.*

*Illi kull kumment ieħor dwar dan ikun superfluwu.*

- ***Dwar il-Kopja tal-Mandat ta' Żgumbrament li qed jgħidu li mgħandhiex firma ta' avukat***

*Illi b'kull rispett, il-mandat jinħareġ bil-firma tal-Imħallef sedenti u ċertament li dak li jagħmel mandat validu huwa d-digriet. Il-firma tal-avukat hija meħtieġa fuq ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat u mhemmx dubju li fir-rikors li nġieb quddiem l-Imħallef għad-digriet kien hemm il-firma tal-avukat. Dak li ġie notifikat lill-intimati (rikorrenti odjerni) kienet il-kopja tal-mandat b'kopja tar-rikors flimkien mal-ordni tal-marixal għall-iżgumbrament fit-termini tal-mandat.*

*Illi fi kwalunkwe każ, hawn ma jitrattax ta' xi nuqqas li jġib nullita'.*

*Illi f'dan il-kuntest, per eżempju, wieħed jista' joqgħod jikkritika l-fatt li l-okkju tar-rikors tas-soċjeta rikorrenti fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament inkiteb ħażin ossia bil-maqub. Imma tali linja difensjonali se ġġib xi utli għal dawn il-proċeduri apparti l-ħela tal-ħin prezzjuż ta' din l-Onorabbli Qorti?*

*Kull kumment ieħor dwar dan ikun superfluwu.*

- ***Dwar ir-riferenzi għat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u riferenzi għal prinċipji ta' Dritt Ewropew***

*Illi fir-risposta tagħha għall-kawża kostituzzjonali, l-esponenti irribattiet il-ħafna riferenzi li saru fir-rikors kostituzzjonali promotur għad-dritt tal-Unjoni Ewropea u għall-Karta tad-Drittijiet taċ-Ċittadini tal-Unjoni. A skans ta' ripetizzjoni inutli, l-esponenti mhijiex se ttenni tali risposti hawnhekk, imma sejra tagħmel riferenza għas-sentenza riċentissima mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti hekk kif preseduta mill-wisq abbli Imħallef Ian Spiteri Bailey nhar is-16 ta' Diċembru 2024 fl-ismijiet: "AD + PD et vs Avukat ta' l-Istat et" fejn b'riferenza għat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u għall-Karta tal-Jeddijiet taċ-Ċittadini tal-Unjoni, prevja li tat rassenja dettaljatissima ta' ġurisprudenza in materja u qieset li l-elezzjonijiet—bħal kwistjonijiet ta' dritt ta' proċedura fil-każ odjern—mhumiex mansjoni tal-Ewropea u kwindi ma tapplikax fir-rigward il-liġi komunitarja:*

*Isegwi għalhekk, li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja w id-drittijiet minnha naxxenti ma jistgħux jitqiesu applikabbli fil-konfront ta' liġijiet purament ta'*

*natura nazzjonali, bħalma huwa dawk tal-elezzjonijiet, li r-rikorrent qiegħed jilmenta dwarhom bil-proċeduri odjerni.*

***Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni ta' l-Avukat tal-Istat stante illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja ma setgħetx tiġi nvokata mir-rikorrenti fl-ambitu ta' dak minnu rikjest bil-proċeduri odjerni.***

*Illi l-istess prinċipju japplika fil-każ odjern billi l-lanjanzi tar-rikorrenti fil-mertu tar-rikors kostituzzjonali mhumiex mansjoni tal-Unjoni Ewropea.*

- ***Dwar li hemm lok, a bażi tal-ġurisprudenza, li jingħata provvediment interim***

*Illi kif sewwa jingħad mill-istess soċjeta rikorrenti fir-rassenja ġurisprudenzjali li tat dwar l-interim measure u l-applikazzjoni tiegħu fis-sistema nostrana, dan huwa rimedju li għandu jingħata fejn hemm "an imminent risk of irreparable damage".*

*Illi sentenza kruċjali li tat lok għall-miżuri interim kienet dik tat-2 ta' Ġunju 2014 mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Imħallef J.R. Micallef fil-kawża "Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et" fejn il-Qorti ordnat il-ħelsien tar-rikorrent mid-detenzjoni taħt kundizzjonijiet u dan wara li kkunsidrat:*

*Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu.* ***Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.***

*Illi din isegwi l-proċedura ta' Strasburgu li tippermetti provvedimenti interim jingħataw minkejja li la l-Konvenzjoni u lanqas il-Protokolli ma jagħmlu riferenza għal tali rimedji.*[6] *Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet "Kasymakhunov vs Ir-Russja" tal-14 ta' Novembru 2013, tali provvedmenti jingħataw:*

*as a matter of principle, only in truly exceptional cases and on the basis of a rigorous examination of all the relevant circumstances. In most of these cases, the applicants face a genuine threat to life and limb, with the ensuing real risk of grave irreversible harm in breach of the core provisions of the Convention.*

*Illi huwa azzardat da parti tar-rikorrenti li jitolbu rimedju ta' dina x-xorta rinfaċċjati bil-possibilta ta' żgumbrament f'kuntest fejn il-lanjanzi tagħhom qed jiġu bbażati fuq allegazzjoni li b'deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, is-soċjeta rikorrenti sofriet ksur tal-jeddijiet tagħha kif sanċiti: (i) fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (ii) fl-Art. 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, u (iii) fl-Art. 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ċertament li fil-każ odjern mhawnx "a genuine threat to life and limb".*

*Illi dan ikompli jaċċentwa ruħu quddiem il-fatt li s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li minnha r-rikorrenti interponiet appell li naqset milli tikkawtela, turi li ġew*

---

[6] W Schabas, *The European Convention on Human Rights – A Commentary* (OUP Oxford 2017) 749

*ippruvati ksur ta' obbligi da parti tagħha. Il-lanjanzi kostituzzjonali huma diretti lejn id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li tiddikjara appell deżert imma xejn ma jnaqqas mill-fatti li ġew ippruvati quddiem l-ewwel Qorti u li llum jikkostitwixxu res judicata.*

*Illi dan iwassal għall-aħħar punt li ċertament li jorbot ma' ta' qablu.*

- ***Dwar il-lanjanzi kostituzzjonali li jistgħu jġibu fix-xejn is-sentenza ormai res judicata***

*Illi bl-azzjoni kostituzzjonali tagħha, is-soċjeta rikorrenti qed tikkontendi li d-deċiżjoni tad-deżerzjoni meħuda mill-Qorti tal-Appell tista' tiġi riversata. Bħal qed jippretendu restitutio in integrum għal qabel l-ewwel smigħ fl-appell, il-ġurnata sa meta setgħu jew iħallsu l-kawtela jew jitolbu l-cautio juratoria.*

*Illi rajna li sabiex l-odjerna talba tirnexxi, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika. Hu ċar li biex jingħata provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali, iridu jiġu ppruvati ċirkostanzi eċċezzjonali.*

*Illi dan ma jista' qatt iseħħ fil-każ odjern; għall-kuntrarju, l-azzjoni kostituzzjonali ma tistax tirnexxi.*

*Din l-Onorabbli Qorti kif preseduta kellha l-opportunita tesprimi ruħha dwar każ ferm simili deċiż fil-11 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet "Maurine Ann Fabri et vs L-Avukat tal-Istat et" dwar cautio juratoria li ġiet miċħuda bil-konsegwenza li l-appell ġie dikjarat deżert—fatti ftit aktar miti minn tal-lum fejn is-soċjeta rikorrenti flok imxiet mal-proċedura u irrikorriet għall-cautio juratoria, ivvintat proċedura għaliha biex tevita l-malleverija tal-appell. F'dik is-sentenza din l-Onorabbli Qorti b'mod fin u studjat—dwar il-fatt li r-rikorrenti ma kienux esawrew ir-rimedji ordinarji tagħhom—irriteniet kif ġej:*

*Il-Qorti tinnota wkoll li r-ragunijiet elenkati mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet taghhom dwar ir-raguni ghaliex il-Qorti tal-Appell kienet zbaljata meta ddikjarat l-Appell taghhom dezert jistghu facilment jiffurmaw il-bazi u r-ragunijiet ghall-azzjoni b'rikors ad hoc li l-gurisprudenza fuq citata tirreferi ghaliha. Mill-bqija din il-Qorti mhix ser tikkumenta aktar peress illi aktarx tkun qed taqbez il-limiti taghha ghal finijiet ta' din id-decizjoni.*

*B'hekk din il-Qorti tqis li r-rikorrenti f'dan il-kaz kellhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji li naqsu milli jipprevalixxu ruhhom minnhom qabel ma rrikorrew quddiem din il-Qorti.*

*Din il-Qorti tfakkar li l-Qrati Kostituzzjonali huma qrati ta' gurisdizzjoni straordinarja u m'ghandhomx jitqiesu bhala default meta wiehed ma jafx quddiem liema qorti jew forum ghandu jintavola l-ilment tieghu. Oltre` minn hekk, specjalment f'lanjanza li tirrigwarda propju materji ta' smigh xieraq, wiehed m'ghandux jirrikorri quddiem il-Qrati Kostituzzjonali qabel ma jkun ghamel dak kollu possibli minn naha tieghu biex jiggarantixxi l-istess smigh xieraq – huwa l-obbligu tal-Qrati li jaraw li jkun hemm smigh xieraq, izda huwa wkoll obbligu ta' kull parti li taghmel l-almu taghha sabiex il-kawza taghha tinstema bla xkiel u dan jinkludi l-obbligu li l-proceduri jigu intavolati quddiem il-Qorti opportuna, fiz-zmien opportuni u skond ir-regoli ta' proceduri illi jkunu fis-sehh u applikabbli.*

*Illi bl-istess mod li l-aħwa Fabri ma kienux eżawrew ir-rimedji ordinarji li kellhom rinfaċċjati mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell meta m'ammettithomx għall-benefiċċju tal-cautio juratoria, daqstant ieħor naqset is-soċjeta rikorrenti odjerna meta imqar talbet*

*tali benefiċċju, wisq anqas ittentat ir-ritrattazzjoni. F'dan il-kuntest issir riferenza għal dak li ngħad fir-raba' risposta tal-esponenti għar-rikors kostituzzjonali.*

- ***Sottomissjoni Finali dwar il-Vera Raġuni ta' dawn il-Proċeduri***

*Illi dan iġibna għall-veru raġuni ta' dawn il-proċeduri u ċjoe ir-rieda tar-rikorrenti li ttawwal l-okkupazzjoni tagħha tal-fond f'Ħal-Far sabiex—fil-waqt li ma jħallsu ebda korrispettiv lill-erarju pubbliku—ikomplu jippermettu lil terzi jaħdmu mill-fabbrika de quo. Fi ftit kliem, jabbużaw minn ħwejjeġ il-poplu biex jaqilgħu il-flus. Dan mhux qed tallegah l-esponenti iżda waslet għalih l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ormai res judicata:*

*Illi inolte nhar l-10 ta' Novembru, 2021 fil-hin tat-8.30am sar access minn din il-Qorti kif preseduta fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far precizament fil-fabbrika ta' Grazia Auto Care Company Limited.* ***Il-Qorti setghet tinnota li fid-dahla tal-fabbrika kien hemm tabella kbira mwahhla li kienet taqra Mare Blu Tuna Farm Limited. Il-Qorti osservat ukoll li kien hemm riha qawwija ta' hut u fl-ambjenti kien hemm ammont kunsiderevoli ta' xbieki u hbula relatati mas-sajd fi kwantita' kbira minnhom kien hemm hbula godda u ohrajn li huma uzati.*** *Ix-xbieki kienu jidhru li huma uzati tant li huma stess kellhom ir-riha tal-hut u fl-istabbiliment kien hemm ukoll dinghy bil-mutur li kien jidher f'kundizzjoni tajba hafna. Il-Qorti osservat ukoll konteherituri b'likwidu mahmug hamrani b'hafna dubbien fuq l-istess kontenitur. Rat ukoll ghadajjar ta' ilma mahmug vicin spralli fin-nofs tal-fabbrika minn fejn inixxi l-ilma u vicin kien hemm ukoll hmieg li normalment wiehed jara vicin il-bahar, inkluz dud zghir ghadu haj. F'parti tal-fabbrika kien hemm apparat kbir li mad-daqqa t'ghajn jidher li jintuza biex jgholli oggetti kbar. Dan l-apparat kien pozizzjonat fuq l-ispralli fejn jinzel l-ilma. Osservat ukoll illi kien hemm diversi pari ta' bwietz tax-xatt. Apparti dawn l-affarijiet il-Qorti nnutat ukoll diversi kontenituri kbar li fuqhom kien hemm miktub li jikkonsistu f'zejt ghall-muturi.* ***Meta l-Qorti saqsiet lil Brian Vella ghalxiex jintuza huwa wiegeb li kien ghall-bcejjec tal-bahar. Il-Qorti nnutat ukoll li fuq naha ohra tal-fabbrika kien hemm forn tal-ispray tal-karozzi li deher evidenti li ma jintuzax. Vicin tieghu kien hemm karozza wahda biss li deher li kienet f'kundizzjoni hazina.*** *Barra l-fabbrika, fl-entratura taghha, r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti wera lil Qorti partijiet mill-hajt ta' barra li skont hu sar xoghol fuqu minghajr il-permess tar-rikorrenti allegatament bi ksur tal-kuntratt.*

*...*

***Illi minn dak kollu suespost il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-fabbrika effettivament mihiex qieghda tintuza ghat-tiswija ta' vetturi pero' qieghda tintuza ghal skop ta' industrija relatata mal-hut.*** *Jsegwi ghalhekk li s-socjeta' intimata skont il-kuntratt hija obbligata thallas ir-rata ta' canone shiha u mhux dik kif amministrattivament mnaqqsa.*

*Isegwi li ghandu jigi ezaminat jekk effettivament l-uzu imsemmi huwiex isir mis-socjeta' intimata Grazia Auto Care Company Limited jew inkella minn xi socjeta' ohra li m'ghandha x'taqsam xejn mas-socjeta' intimata. Dan qieghed jinghad billi ai termini tal-klawsola numru 16 (ii) l-enfitewta ma jistax jitrasferixxi jew b'xi mod iehor jiddisponi jew jikri s-sit enfitewtiku jew xi parti minnu lil terzi qabel ma jkollu l-approvazzjoni bil-miktub tal-Korporazzjoni.*

*...*

***Illi l-Qorti setghet tikkonferma b'ghajnejha stess li l-operat tal-fabbrika mhuwiex qieghed isir mis-socjeta' intimata Grazia Auto Care Company Limited pero' minn terza billi dakinhar tal-access tal-10 ta' Novembru, 2021 (fol. 64) fid-dahla tal-fabbrika l-Qorti nnutat tabella kbira mwahhla li taqra Mare Blu Tuna Farm Limited. Illi din it-tabella kienet indikazzjoni li l-operat tal-fabbrika ma kinitx qieghda ssir mis-socjeta' intimata.*** *Di piu' l-fatt li fil-fabbrika kien hemm diversi oggetti relatati mal-processar tal-hut fosthom xbieki u zejt tad-dghajjes, inkluz ir-riha ta' hut jikkollaboraw il-fatt li l-fabbrika ma kinitx qieghda tigi operata mis-socjeta' intimata Grazia Auto Care Company Limited fittiswija tal-vetturi.* ***Ghaldaqstant il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju dwar dan u ghalhekk tqis li din il-kundizzjoni giet miksura mis-socjeta' intimata.***

*Illi quddiem it-talba odjerna din l-Onorabbli Qorti jeħtieġilha tqis jekk f'dan il-każ jeżistux* ***ċirkostanzi eċċezzjonali*** *biex jingħata l-provvediment interim u b'hekk is-soċjeta rikorrenti tkompli fl-okkupazzjoni tal-fabbrika pendente lite. Biex tasal għad-deċiżjoni tagħha, għandha quddiemha fuq naħa tal-miżien dak li qed jintqal mis-soċjeta rikorrenti fil-waqt li fuq in-naħa 'l oħra għandha dak li kkonstatat l-Onorevoli Imħallef Joanne Vella Cuschieri meta aċċediet fuq il-post.*

*Illi dak li mhux qed tgħid ir-rikorrenti hu li llum il-ġurnata l-pussess tagħha tal-fabbrika huwa wieħed prekarju għaliex* ***is-sentenza fil-konfront tagħha ħadet l-effett tagħha billi ġiet debitament insinwata u kwindi t-titlu enfitewtiku erga omnes spiċċa*** *(Dok. X) bħalma spiċċaw l-ipoteki li bihom l-istess rikorrenti għabbiet il-fabbrika de quo.*

***Konklużjoni***

*Illi meta wieħed jaħseb dwar din il-faċenda kollha, ma jistax ma jiftakarx fi kliem is-S.T.O. Prim'Imħallef Joseph Azzopardi meta fid-diskors tal-ftuħ tas-sena forensi 2018 indirizzana lkoll dwar ċirkostanzi bħal dawk odjerni:*

*Ma jfissirx li d-deċiżjonjiet tagħna ma jistgħux ikunu kritikati imma din il-kritika trid issir b'sens u b'ċertu għarfien tal-prinċipji bażiċi tal-ġustizzja. Pero' hemm bzonn ukoll li tkun xi tkun id-deċiżjoni finali, din tkun aċċettata bħal finali minn kulħadd, l-istess bħad-deċiżjonijiet li jieħu r-referee f'logħba futbol anke jekk jirrizulta li kien żbaljat, għas-semplici raġuni li l-aktar ħaġa importanti f kull sistema legali hija ċ-ċertezza u din toħrog biss minn aċċettazzjoni ta' deċiżjoni finali; għalhekk il-prinċipju ta' res judicata jorbot lil kulħadd, anke lil ġudikant innifsu li ma jistax jerġa' jiftaħ każ li jkun legalment magħluq.*

*Dan li għadni kif għedt japplika naturalment anke għall-avukati... F'dan ir-rigward inħoss li għandi nesprimi d-diżappunt tiegħi mill-mod kif numru zgħir ta' Avukati jagħmlu minn kollox biex vertenza ma tintemm qatt anke wara s-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell. Dan l-aħħar saret moda li wara deċiżjoni finali ċerti drabi wara ħafna snin, l-Avukat tal-parti telliefa, l-ewwel jitlob is-smiegħ mill-ġdid tal-kawża (ritrattazzjoni); meta din it-talba tiġi rifjutata, f'daqqa waħda l-Avukat jirrealizza li ma kellux smiegħ xieraq u jipproponi kawza kostituzzjonali; jitlifha u jerġa' jappella u jekk jerġa' jitlifha jkollu anke t-temenza li jappella quddiem il-Qorti Ewropeja. Jiddispjacini ngħid li dan ma hux atteġjament serju ta' professjonist. Meta jsir dan ikun qed jikkawza ħsara lil kontro parti li iddum aktar snin tistenna ġustizzja barra li taħli l-ħin tal-Qorti u minħabba f hekk kawżi oħra jibqgħu lura fil-lista ta' smiegħ.*

*Imbagħad kompla jgħid is-Sinjurija Tiegħu x'jaħseb li għandhom ikunu l-konsegwenzi għal tali aġir.*

*Illi sottomess dan kollu, mhemmx dubju għas-soċjeta esponenti li sija t-talba fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat kif ukoll dik għall-provvediment interim għandhom jiġu miċħuda.*

Rat ir-**Risposta** tal-**Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti** tal-10 ta' Jannar 2025 li tgħid espressament hekk:

*1. Illi in linea preliminari jigi eccepit illi l-eccipjenti Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati m'hiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi attrici u ghalhekk ghandha tigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` r-rikorrenti;*

*2. Illi in oltre jigi rilevat illi l-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati m'hiex il-legittimu kontradittur u dan ghar-raguni illi ai termini tal-artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal_Qrari Civili u Tribunali u ghaldaqstant l-Agenzij aghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

*3. lli minghajr pregudizzju ghas-suespost, in mertu jigi rilevat illi t-talbiet tar-rikorrenti rigwardanti l-ammont tal-garanzija tal-appell huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-raguni li l-garanzija nhadmet korrettament u dan kif spjegat fid-dettal fix-xhieda moghtija mill-Assistent Registratur fl-24 ta' Gunju tas-sena 2024;*

*4. Illi b'riferenza ghas-suespost fil-21 ta' Ottubru tas-sena 2024, il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba tas-socjeta` rikorrenti dwar l-ammont tal-garanzija tal-appell u kkonferma illi l-garanzija mahduma mir-Registratur hija wahda gusta;*

*5. Illi b'riferenza ghal lanjanzi kostituzzjonali, minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi l-agenzija esponenti ma kellha ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kienet involut direttament fil-materja u ghalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li la kien parti fil-proceduri u lanqas edott minn nuqqasijiet jew problemi li setghu inqalghu matul il-proceduri;*

*6. Illi f'dan il-kuntest ssir riferenza ghal kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.*

*7. Illi in oltre l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal :*

*'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'*

*8. Illi ssir riferenza wikoll ghas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:*

> *'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'*
>
> *9. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*
>
> *Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.*

Rat ir-**Rikors** tas-soċjeta' **Grazia Auto Care Company Limited** tal-20 ta' Novembru 2024 (fol 21), li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex *għar-raġunijiet fuq suesposti u a tenur tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni, tissospendi l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament bin-Numru 1880/2024 ibbażat fuq is-sentenza li llum għaddiet in ġudikat datata 3 ta' Ottubru, 2023 u fl-ismijiet **Indis Malta Limited v. Grazia Auto Care Company Limited** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dana prevja li jkun hemm eżitu finali u definittiv f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali.*

Rat illi ma' dawn il-proċeduri qed jinstemgħu l-proċeduri bin-numru **1880/2024/1 ISB**, rikors ta' Grazia Auto Care Company Limited fl-atti ta' Mandat ta' Żgumbrament Nru 1880/2024 fl-ismijiet **INDIS Malta Limited vs Grazia Auto Care Company Limited** tat-12 ta' Novembru 2024, u rat l-atti tal-istess.

Rat l-atti kollha, kemm ta' din il-kawża, kemm dawk allegati u kif ukoll l-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament msemmi.

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2025, u rat illi din il-Qorti ġiet mistiedna tagħti d-deċiżjonijiet tagħha.

**<u>Qieset illi allura din hija is-sentenza in parte biex tiddetermina t-tieni talba kif kontenuta fir-rikors promotur f'din il-kawża</u>**, b'dan illi illum stess il-Qorti ser tgħaddi biex tiddegreta ukoll ir-rikors tas-soċjeta' Grazja Auto Care Company Limited tal-20 ta' Novembru 2024 fl-atti ta' dawn l-istess proċeduri, filwaqt illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandha ukoll tiddegreta r-rikors tal-istess soċjeta' msemmija magħmul in atti Mandat ta' Zgumbrament 1880/2024 tal-21 ta' Novembru 2024.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta illi permezz tal-proċeduri odjerni u senjatament bit-tieni talba magħmula fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qed jitlob lil din l-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament bin-Numru 1880/2024 maħruġ wara illi għaddiet in ġudikat sentenza fil-proċeduri 351/2021JVC, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Indis Malta Limited vs Grazia Auto Care Limited**. Is-sentenza tal-Prim Istanza għaddiet in ġudikat wara illi appell li kien mressaq mis-soċjeta' hawnekk rikorrenti fil-31 ta' Ottubru 2023 kien dikjarat deżert fil-21 ta' Ottubru 2024 mill-Qorti tal-Appell, billi kien għadda t-terminu għal ħlas tal-kawtela fuq l-istess appell.

Tqis illi fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, b'rikors 351/21/2 tal-11 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' *Grazia* talbet illi jiġi sospiż it-terminu għal ħlas tal-kawtela lilha mitlub li tiddepoŻita, jew testendi t-terminu għal ħlas, għar-raġunijiet hemmek msemmija – talba illi l-Qorti tal-Appell Ċaħħdet b'deċizjoni tal-21 ta' Ottubru 2024 meta allura l-Appell mbagħad mar deżert.

Tqis ukoll illi għalkemm ser jiġi deċiż b'diġriet separat, b'dana kollu l-premessi u r-raġunamenti magħmula fir-rikors ta' *Grazia* tal-20 ta' Novembru 2024 huma ugwalment applikabbli għad-determinazzjoni ta' din it-tieni talba kif kontenuta fir-rikors promoutur. Mhux lanqas l-argumenti legali in kwantu illi kemm din it-talba u kif ukoll dik kontenuta fir-rikors imsemmi huma magħmula ai termini ta' Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Ikkunsidrsat Ultejrorment:**

Illi l-kwistjoni kollha tiċċentra madwar il-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Żgumbrament fil-konfront ta' *Grazia*, numru 1880/2024, maħruġ minn *Indis* kontra *Grazia* bil-għan illi l-istess *Grazia* tiġi żgumbrata minn fabbrika u ċioe', il-propjeta' bin-numru HHF306 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far limiti ta' Birżebbuġa bl-isem ta' 'Grazia Garage'.

*Grazia* tikkontendi illi jekk kemm-il darba jseħħ l-iżgrumbrament ser ikollu l-konsegwenza li bosta familji jiġu fi preġudizzju u jitilfu xogħolhom. Issostni li jekk tali Mandat jiġi eżegwit, il-lanjanzi kostituzzjonali tagħha ser jiġu fix-xejn u l-preġudizzju rrimedjabli jekk ma tintlaqax it-talba tas-soċjeta' rikorrenti ser ikun ferm ikbar fil-

konfront tagħha minn dak li ser issofru l-intimati jekk kemm-il darba t-talba għall-miżura proviżorja tintlaqa'. Dwar il-prinċipju tal-proporzjonalita' tirreferi għat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

*Grazia* tispjega li hija diġa' ġiet servuta bil-Mandat ta' Żgumbrament u għalhekk il-biża' ta' żgumbrament hija waħda reali u imminenti. Tgħid li hija qed tibbaża t-talba tagħha fuq l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tagħmel referenza għal każistika diversa f'dan ir-rigward[7].

Issostni li m'hemmx dubju li dak li hija qiegħda titlob huwa ta' natura eċċezzjonali u li bħala regola ġenerali għandu jkun hemm rispett għall-ġudikat u l-esekuzzjoni tiegħu, iżda, tikkontendi, li dan il-każ huwa eċċezzjoni għal dik ir-regola u huwa ben ċar li s-soċjeta' rikorrenti m'għandhiex rimedju ieħor u għalhekk jekk it-talba rikorrenti ma tintlaqax ser issofri preġudizzju eċċessiv. Oltre' minn hekk tgħid li, għalkemm il-proċeduri odjerni għadhom fi stadju bikri hemm bażi soda għall-lanjanzi kostituzzjonali, liema konklużjoni din il-Qorti tista' tasal għaliha mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża.

Fit-**trattazzjoni** tagħha, l-abbli difensur ta' *Grazia* jaċċenna għall-fatt li l-Qorti, meta tiġi biex tagħti *interim measure*, għandha diskrezzjoni wiesa' u mhux limitata b'*a threat to life or limb*. Issostni li hemm erba' punti li din il-Qorti trid tikkonsidra u ċioe:

a) Jekk is-soċjeta' rikorrenti kellhiex rimedji oħra u eżawrithomx meta ġiet affaċċjata bil-ġudikat.

b) Irid ikun każ ta' emerġenza estrema li f'dan il-każ hemm Mandat ta' Żgumbrament li ser jiġi eżegwit.

c) Jekk hemmx riskju imminenti – issostni li dan jikkonsisti fil-fatt li jekk ma tintlaqax it-talba odjerna, il-kumpanija ser titlef kollox.

d) Jekk hemmx lanjanza li tista' tkun fondata fuq bażi *prima facie* u li ser issir ħsara irreparabbli – f'dan ir-rigward isostnu li l-ħsara irreparabbli ser tissarraf fil-fatt li huwa diffiċli li wara li titlef din il-fabbrika, s-soċjeta' rikorrenti tingħata oħra għax ikollha tibda l-proċess mill-bidu.

---

[7] **Seven Group Malta Ltd et vs l-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), **Mamatkulov and Askarov v Turkey** deċiża mill-Qorti Ewropea, **HSBC Bank (Malta) plc vs l-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' Ġunju 2020 u, **Ruġġier et vs Ruġġier** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 t'Awwissu 2005.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi da parti tagħha, is-soċjeta' INDIS Malta Ltd issostni illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti *Grazia* għall-ordni ta' miżura proviżorja għandha tiġi miċħuda.

Tibda billi tispjega li kif jemerġi mill-atti tal-kawża fuq ċitata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, is-soċjeta' rikorrenti għandha biss impjegat wieħed u għalhekk mhux minnu li bosta familji jitilfu xogħolhom jekk kemm-il darba l-mandat jiġi eżegwit. Tgħid li l-unika ħaddiem huwa fil-fatt id-direttur tal-istess soċjeta'.

Tirreferi għat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u ssostni li dawn mhumiex applikabbli fil-każ odjern[8].

Issostni li ma hemm l-ebda lok a bażi tal-ġurisprudenza li jingħata provvediment *interim*. In sosten ta' dan tirreferi partikolarment għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja** deċiża fit-2 ta' Ġunju 2014, kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Kasymakhunov vs Russia** deċiża fl-14 ta' Novembru 2013. Tikkontendi li f'dan il-każ ma jirriżultax *a genuine threat to life and limb*. Oltre' minn hekk, tgħid li l-azzjoni kostituzzjonali nnifisha ma tistax tirnexxi. Tinsisti li l-unika raġuni li ġew intavolati l-proċeduri kostituzzjonali huwa biex is-soċjeta' rikorrenti ttawwal l-okkupazzjoni tagħha tal-fond de quo sabiex tippermetti terzi jużaw l-istess propjeta' b'introjtu għaliha, liema fatt jirriżulta mid-deċiżjoni fuq ċitata u ċioe' minn aċċess magħmul mill-Imħallef stess fil-mori tal-istess kawża.

Fit-**trattazzjoni** tal-abbli difensur ta' Indis, jingħad li ċ-ċirkustanzi *de quo* mhumiex eċċezzjonali. Tinsisti li s-soċjeta' rikorrenti kienet ilha ma topera mill-fond de quo u kriet il-propjeta' lil terzi u d-deċiżjoni tal-Qorti hija anke bbażżata fuq dak il-fatt, kif ukoll il-fatt li *Grazia* kellha arretrati kbar xi tħallas. Tinsisti li għalkemm huwa minnu li probabbilment jekk din il-Qorti ma tilqax it-talba għall-ordni proviżorja, il-proċeduri Kostituzzjonali ser jispiċċaw fix-xejn, jekk wieħed jara ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-iżgumbrament jidher ċar li ġenwinament ma hemmx lok għall-miżura proviżorja u dana stante li s-soċjeta' rikorrenti qed tabbuża minn użu ta' fabbrika li qed tikri lil terzi mingħajr ebda tip ta' permess u mingħajr mas-soċjeta' intimata iddaħħal xi tip ta' introjtu.

[8] Tirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **AD+PD et vs Avukat tal-Istat et** deċiża fis-16 ta' Diċembru 2024.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi huwa paċifiku jingħad illi t-talba odjerna hija waħda sabiex din l-Qorti, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, toħroġ ordni ta' natura temporanja/*interim measure*.

Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għall-prinċipji legali illi jirregolaw il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet, liema prinċipji legali ġew imfissra sew fis-sentenza '**Emmanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**'[9], fejn il-Qorti għamlet referenza għall-prinċipji li jirriżultaw minn każistika tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ta' awturi rinomati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem:

> *"Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment [fn. 2 Q.E.D.B.* ***6.2.2003*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Mamatkulov et vs Turkija*** *(Applik. Nru. 46837/99) § 110] .*
>
> *F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu [fn. 3 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak* ***Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*** *(4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113].*
>
> *Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ [fn.4 Deg P.A. (Kost.) AE* ***16.4.2014*** *fil-kawża fl- ismijiet* ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.****] ;*
>
> *"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot*

[9] deċiża fit 2 ta' Ġunju 2014

*idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."*

*"Fil-ktieb **"A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi: :-*

*"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are <u>applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb</u> ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*"... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : <u>the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination</u>!"[10].*

Kif inghad fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta[11] u b'referenza għal "*Factsheet*" tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "*Interim Measures*" tqis dan ix-xorta ta' rimedju bħala eċċezzjonali u tiddeskrivi hekk:

*Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, <u>apply only where there is an imminent risk of irreparable harm</u>. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases,*

[10] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4th edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak

[11] 12/2021/1AF **Castillo Lourdes vs Avukat tal-Istat** 26.01.2021

*the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm … In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the 3 application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8).*

Kif osservat il-Qorti diversament preseeduta fil-kawża **Rosette Thake et vs Prim Ministru et**[12]:

*…….. biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja serja ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu.*

Kif qalet din il-Qorti hekk kif preseduta fil-każ **Jomic Calleja Maatouk (K.I. Nru. 565185M) vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**, (280/2022ISB – 12.10.2022)

Il-Qrati tagħna, ai fini ta' ordnijiet bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti, ġeneralment segwew it-tagħlim tal-Qorti Ewropeja kif fuq ikkunsidrat, anke jekk din il-Qorti tosserva illi kull każ għandu l-fatti speċi tiegħu u rigidita' żejda m'għandiex tkun.

Din il-qorti tqis illi kull każ irid jiġi meqjus skond il-fatti li jiċċirkondawh. Fil-fatt, l-istess FactSheet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "Interim Measures" fuq msemmija tghid:

[12] Rikors 50/16/1JRM

*The Court's practice is to examine each request on an individual and priority basis through a written procedure. ……. The length of the interim measure is generally set to cover the duration of the proceedings before the Court or for a shorter period.*

Fil-parti l-kbira tal-każijiet, talba bħal din tintalab minħabba possibilita' ta' tkeċċija minn pajjiż jew estradizzjoni. Ġie ukoll ribadit, li l-Qorti takkorda dan ir-rimedju fuq bażi eċċezzjonali b'mod, li jekk din it-talba ma tintlaqax, il-persuna tkun ser tiġi rinfaċċjata b'riskju serju ta' perikolu b'konsegwenza ta' dannu irreversibbli.

Il-Qorti kellha opportunita' li anke tisma' lid-difensuri tal-partijiet. Ai fini biss tal-istanza odjerna ma jirriżultax lil din il-Qorti li jeżistu l-estremi ġuridiċi li jiddetta t-tagħlim tal-Qrati kif fuq imsemmi sabiex talba bħal din tkun milqugħa. Irid jiġi ipprovat l-element tal-perikolu kif fuq spjegat – u dan huwa nieqes.

Ulterjorment, kif ingħad fil-każ **Micallef vs Malta**:

*Preliminary proceedings, like those concerned with the grant of an interim measure such as an injunction, are not normally considered to determine civil rights and obligations and do not therefore normally fall within the protection of Art. 6. Nevertheless, in certain cases, the Court has applied Art. 6 to interim proceedings, notably by reason of their being decisive for the civil rights of the applicant. Moreover, it has held that an exception is to be made to the principle that Art. 6 will not apply, when the character of the interim decision exceptionally requires otherwise, because the measure requested was drastic; disposed of the main action to a consdierable degree, and unless reversed on appeal would have affected the legal rights of the parties for a substantial period of time.*

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha ppreżentati lilha. Il-Qorti mhix ser tidħol fil-mertu, la tal-pendenza fil-mertu li kien hemm bejn *Indis* u *Grazia* (dik ormai meqjusa f'dan l-istadju determinata b'mod definittiv) u lanqas tal-lanjanzi kostituzzjonali li ressqet

*Grazia* llum (dawk għad iridu jiġu trattati u determinati), imma, għal finijiet ta' din id-deċiżjoni, il-Qorti tqis importanti illi tirrimarka is-segwenti:

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **INDIS Malta Limited vs Grazia Auto Care Company Limited** tat-3 ta' Ottubru 2023, abbażi ta' liema deċiżjoni ġie mitlub u eżegwit il-Mandat ta' Żgumbrament *de quo*, tidher illi hija ben motivata u jirriżulta apprezzament akkurat tal-provi li nġiebu fiha, u dan jingħad lil hin minn jekk id-deċiżjoni hix waħda korretta jew le, ħaġa li din il-Qorti ma tidħolx fiha.

Fit-tieni lok, tqis ukoll illi d-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Ottubru 2024, li permezz tiegħu giet miċħuda t-talba ta' *Grazia* mressqa bir-rikors tal-11 ta' Marzu 2024, ukoll u għal darb'oħra, indipendentement mill-mertu u l-kontenut tar-raġunament ta' dik il-Qorti, u indipendentement mil-lanjanzi kostituzzjonali mressqa fil-proċeduri odjerni, huwa motivat u spjegattiv ta' x'wassal lil dik il-Qorti tieħu dik id-deċiżjoni.

Fit-tielet lok, tqis ukoll illi l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti kompetenti li tkun għaddiet in gudikat ma' għandiex titwaqqaf b'mod leġġer u sakemm tassew ma jkunx hemm estremi għall-akkoljiment ta' talba għas-sospensjoni jew twaqqif ta' tali deċiżjoni, allura talba għalhekk ma għandhiex tintlaqa'.

Fir-raba' lok, tqis ukoll illi  l-eżami illi qed tagħmel din il-Qorti fir-rigward tat-talba hawnekk deċiża, kemm jekk iwassal biex tintlaqa' it-talba odjerna u kemm jekk ma tiġix milqugħa, bl-ebda mod mhu ser jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża proprja u fil-mertu. F'każ illi t-talba tiġi miċħuda, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha fil-kawża propja bejn il-partijiet, u, bl-istess mod, il-fatt illi talba tiġi milqugħa issa lanqas ma ifisser illi t-talbiet fil-mertu sejrin awtomatikament bilfors jirnexxu. Fuq kollox huwa ben risaput ukoll illi l-poteri ta' din il-Qorti fir-rimedji illi talvolta tista' tiġi biex tagħti f'każ illi ssib leżjoni tad-dirttijiet kostituzzjonali huma ampji u ma hemmx dubbju illi *Indis* hija ben konsapevoli ta' dan ukoll.

Fil-ħames lok, tqis ukoll illi minkejja illi *Grazia* qeq titlob din il-miżura interim eċċezzjonali f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali, hija ressqet ukoll rikors fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament 1880/2024 fejn qiegħed ukoll jintalab lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tagħti provvediment illi l-effetti tiegħu huma tassew viċin jekk mhux identiċi għal dak hawnhekk mitlub.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Applikati għalhekk l-insenjamenti ġudizzjarji hawn fuq riferiti ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti hawnekk magħmula, il-Qorti għalhekk tqis illi talba għal *interim measure* ma tistax tintlaqa' u dan stante illi ma jissussistux l-elementi meħtieġa sabiex tintlaqa' t-talba kif dedotta.

Tqis illi s-soċjeta' rikorrenti kellha rimedji oħra u fil-fatt hadtihom ukoll, tant illi llum stess għandu anke jkun hemm ġudizzju fir-rigward. Ulterjorment, il-Qorti ma' tqisx illi hemm xi riskju imminenti li l-kumpanija ser titlef kollox. Bħal ma lanqas ma jidhrilha l-Qorti illi huwa ppruvat illi jekk tiġi miċħuda din it-talba, allura ser issir ħsara irreparabbli lis-soċjeta' rikorrenti.

**GĦALDASTANT**, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-determinazzjoni tat-tieni talba mressqa fir-rikors promotur u wara l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, qed tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-tieni talba kif kontenuta fir-rikors promotur.

**Spejjeż** ta' din l-istanza għas-soċjeta' rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**